MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 329/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
vs
Stephen Pace

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti u konfermat bil-gurament minn Joseph Borg Cardona li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datati fl-14 ta’ Mejju 2002 u fis-16 ta’ Frar 2006, (Dok A u B) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Stephen Pace;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta’ Stephen Pace fis-somma ta’ sbatax-il elf, mitejn u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€17,254.52) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Stephen Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C5”

u “D1 sa D2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-6 ta’ Marzu 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (prezentati bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Pace;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Stephen Pace li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Stephen Pace gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata fit-2 ta’ Settembru 2009 li kopja taghha giet prezentata mar-rikors guramentat u immarkata Dok E sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (prezentati bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Pace: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Stephen Pace li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkunadanna lil Stephen Pace jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sbatax-il elf, mitejn u

erbgha u hamsin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€17,254.52) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan* u *Overdraft Accounts*" ta' Stephen Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C5" u "D1 sa D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Marzu 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-2 ta' Settembru 2009 kontra l-konvenut li gie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-bank rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma ipprezentax risposta guramentata u ma deherx ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalih.

Xehdet Dr. Lilian Cremona *Litigation Officer* fil-*Legal Office* tal-Bank of Valletta u dwar Stephen Pace qalet li minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat ma ghamel l-ebda pagamenti u l-ammont dovut ghadu l-istess.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta' l-intimat, it-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghhom qed tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Stephen Pace: (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-

cirkostanzi ta’ l-istess Stephen Pace li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkunadanna lil Stephen Pace jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €17,254.52 bilanc ghad-debitu fil-“*Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Stephen Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta’ Marzu 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-2 ta’ Settembru 2009 kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------